MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1311/2010

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Wayne Nigel Emil Wynne
ID-22121(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess Socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija erbgha u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€444.77c), liema ammont huwa dovut lis-Socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru *21322415* u dak televiziv numru *142030325* moghti mis-Socjeta’ attrici skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. A.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe’ mit-30 ta’ Jannar, 2009 kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija erbgha u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€444.77c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------